Nru./No. 20,776
Prezz/Price
€1.26

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 31 ta' Jannar, 2022
Monday, 31st January, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 917 - 940
Government Notices ..... *917 - 940*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 129

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Il-31 ta' Jannar, 2022

(File No. L185/2019)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Imsida:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,022 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' J. Lautier Company Ltd., mil-Lvant u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq il-Wied tal-Imsida kantuniera ma' Triq il-Kunċizzjoni, fl-Imsida qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' proġett ta' Sports Malta.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2021_0504, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mitejn u erbat elef u erba' mitt Ewro (€204,400), skont l-istima li saret mill-Perit Albert Cauchi, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 129

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

31st January, 2022

Description of the Land

The following land at Msida:

A plot of land measuring about 1,022 square metres, bounded on the North by J. Lautier Company Ltd., on the East and South West by Government property or more precise boundaries.

The above-mentioned land in Triq il-Wied tal-Imsida corner with Triq il-Kunċizzjoni, at Msida is being acquired in connection with a project of Sports Malta.

The plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2021_0504, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is two hundred and four thousand and four hundred Euros (€204,400), according to the valuation made by Architect Albert Cauchi, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-14 ta' Jannar, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 919.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art fi Triq il-Wied tal-Imsida, kantuniera ma' Triq il-Kunċizzjoni, fl-Imsida, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq il-Wied tal-Imsida, kantuniera ma' Triq il-Kunċizzjoni, fl-Imsida, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,022 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' J. Lautier Company Ltd., mil-Lvant u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2021_0504 u stmata għall-valur ta' mitejn u erbat elef u erba' mitt Ewro (€204,400).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-12 ta' Ottubru, 2021. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Albert Cauchi

L-1 ta' Novembru, 2021

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

14th January, 2022

This site plan is being published on page 919.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land in Triq il-Wied tal-Imsida, corner with Triq il-Kunċizzjoni, at Msida, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property described hereunder at Triq il-Wied tal-Imsida, corner with Triq il-Kunċizzjoni, at Msida, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 1,022 square metres, bounded on the North by J. Lautier Company Ltd., on the East and South West by Government property or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2021_0504 and valued for two hundred and four thousand and four hundred Euros (€204,400).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 12th October, 2021. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Albert Cauchi

1st November, 2021

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 229412 M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 53500 y = 72709	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* 5272	Data: *Date:* 14/09/2021

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 1022.1 circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213067

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 130

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tad-9 ta' Mejju, 1975, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Il-31 ta' Jannar, 2022
(File No. L658/73/1)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Luqa:

Biċċa art, li tinkludi bir u gorboġ tal-kejl ta' madwar 6231.1 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' Triq San Tumas, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal ma' sqaq rurali Ta' Danjeli jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot numru 1 fuq il-pjanta L.D. Nru. 159/74/A parti minn, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija skont l-Avviż ta' Ftehim tas-17 ta' Settembru, 1980 kien ta' elf, tmien mija u erbatax-il Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€1,814.58), liema avviż ħareġ skont l-istima tal-Perit Arkitett Oscar Caruana Montaldo, A&CE, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni. Il-valur indikat fl-Avviż ta' Ftehim hekk kif aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar huwa ta' sitt elef, tmien mija u erbatax-il Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€6,814.13). Din id-dikjarazzjoni qiegħda ssir a bażi tal-Artikoli 44 u 65 tal-Kapitolu 573.

No. 130

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of thePresident of Malta of the 9th May, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase .

Today I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

31st January, 2022

Description of the Land

The following land at Ħal Luqa:

A plot of land, including a well and a shed measuring about 6231.1 square metres, bounded on the North West by Triq San Tumas, on the South by Government property and on the North East by a rural alley Ta' Danjeli or more precise boundaries.

The above mentioned plot of land is shown delineated with the colour blue and marked as plot 1 on plan L.D. No. 159/74/A part of, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned land according to the Notice of Agreement of the 17th September, 1980 was of one thousand and eight hundred and fourteen Euros and fifty eight cents (€1,814.58), which notice was issued according to the valuation of Architect Oscar Caruana Montaldo, A&CE, an extract of which is being attached with this declaration. The value indicated in the Notice of Agreement as it was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance is of six thousand, eight hundred and fourteen Euros and thirteen cents (€6,814.13). This declaration is being made on the basis of Articles 44 and 65 of Chapter 573.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-14 ta' Jannar, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 922.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Fuq struzzjonijiet tal-Aġent Kummissarju tal-Art qiegħed nistma, skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) il-valur, liberu u frank, tal-art hawn taħt deskritta f'Ħal Luqa, meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku.

Wara li spezzjonajt il-lok u wara li ħadt in konsiderazzjoni il-lokalità kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-proprjetà hawn taħt deskritta qiegħed nistma l-valur, liberu u frank, kif jidher hawn taħt.

L-art li ġejja f'Ħal Luqa

1. Biċċa art tal-kejl ta' 5 Tumoli, 3 Siegħan, 2.6 Kejliet (6231.1 metri kwadri) li tinkludi bir u gorboġ, tmiss mill-Majjistral ma' Triq San Tumas, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal ma' sqaq rurali Ta' Danjeli.

Stmata £779.00,0

(Dan l-ammont jinkludi l-valur tal-bir u l-gorboġ li ġie stmat £55.00,0 u £3.00,0, rispettivamnet.

…omissis…

Il-biċċiet art hawn fuq deskritti jidhru fuq pjanta mmarkata L.D 159/74/A.

Ft. O. Caruana Montaldo
Arkitett u Inġinier Ċivili
fid-Dipartiment tal-Art

ESTRATT TAL-ORIĠINAL

Avukat tar-Repubblika Anzjan

Is-16 ta' Jannar, 1975

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

14th January, 2022

This site plan is being published on page 922.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

As instructed by the Acting Commissioner of Land, I am assessing, according to the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) the freehold and unencumbered value of the land described hereunder at Ħal Luqa, required by the Government for a public purpose

After having inspected te site and after considering the locality as well as other matters which may effect the value of the under mentioned property I am assessing the freehold and unencumbered value, as shown hereunder.

The following land at Ħal Luqa

1. A plot of land measuring 5 Tumoli, 3 Siegħan, 2.6 Kejliet (6231.1 square metres), including a well and a shed, bounded on the North West by Triq San Tumas, on the South by Government property and on the North East by a rural alley Ta' Danjeli.

Valued £779.00,0

(This amount includes the value of the well and the shed valued for £55.00,0 and £3.00,0, respectively.

…omissis…

The above mentioned plots of land are shown on plan marked L.D 159/74/A.

Sd. O. Caruana Montaldo
Architect and Civil Engineer
at the Lands Department


EXTRACT OF THE ORIGINAL

Senior Advocate of the Republic

16th January, 1975

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **226373 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53537 y = 68481**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5268**	Data: *Date:* **18/08/2021**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 6,231 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213018

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 131

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tad-9 ta' Mejju, 1975, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Il-31 ta' Jannar, 2022
(File No. L658/73/2)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Luqa:

Biċċa art, li tinkludi nofs il-wisa' ta' parti ta' passaġġ u l-istrutturi rurali tal-kejl ta' madwar 2832.8 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq rurali Ta' Danjeli, mill-Punent parti ma' proprjetà tal-werrieta tal-mejjet S.J. Borg u parti ma' proprjetà ta' Rosanna Cassar u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Rosanna Cassar jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot numru 2 fuq il-pjanta L.D. Nru. 159/74/A parti minn, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija skont l-Avviż ta' Ftehim tas-27 ta' Frar, 1979 kien ta' tmien mija u tnejn u disgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€892.15), liema avviż ħareġ skont l-istima tal-Perit Arkitett Oscar Caruana Montaldo, A&CE, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni. Il-valur indikat fl-Avviż ta' Ftehim hekk kif aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar huwa ta' tliett elef, tliet mija u ħamsin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€3,350.21). Din id-dikjarazzjoni qiegħda ssir a bażi tal-Artikoli 44 u 65 tal-Kapitolu 573.

No. 131

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of thePresident of Malta of the 9th May, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase .

Today I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

31st January, 2022

Description of the Land

The following land at Ħal Luqa:

A plot of land, including half of part of a passage and the rural structures measuring about 2832.8 square metres, bounded on the North by a rural alley Ta' Danjeli, on the West partly by property of the heirs of the deceased S.J. Borg and partly by property of Rosanna Cassar and on the South by property of Rosanna Cassar or more precise boundaries.

The above mentioned plot of land is shown delineated with the colour blue and marked as plot 2 on plan L.D. No. 159/74/A part of, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned land according to the Notice of Agreement of the 27th February, 1979 was of eight hundred and ninety two Euros and fifteen cents (€892.15), which notice was issued according to the valuation of Architect Oscar Caruana Montaldo, A&CE, an extract of which is being attached with this declaration. The value indicated in the Notice of Agreement as it was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance is of three thousand, three hundred and fifty Euros and twenty one cents (€6,814.13). This declaration is being made on the basis of Articles 44 and 65 of Chapter 573.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-14 ta' Jannar, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 925.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Fuq struzzjonijiet tal-Aġent Kummissarju tal-Art qiegħed nistma, skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) il-valur, liberu u frank, tal-art hawn taħt deskritta f'Ħal Luqa, meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku.

Wara li spezzjonajt il-lok u wara li ħadt in konsiderazzjoni il-lokalità kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-proprjetà hawn taħt deskritta qiegħed nistma l-valur, liberu u frank, kif jidher hawn taħt.

L-art li ġejja f'Ħal Luqa

1. Biċċa art tal-kejl ta' 2 Tumoli, 3 Siegħan, 1.3 Kejliet (2832.8 metri kwadri) li tinkludi nofs il-wisa' ta' parti ta' passaġġ, bir bil-ħsara, kamra mingħajr saqaf u kamra rurali bil-ħsara, li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq rurali Ta' Danjeli, mill-Punent in parti ma' proprjetà tal-werrieta tal-mejjet Col. S.J. Borg u parti ma' proprjetà tas-Sinjura Rosanna Cassar u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sinjura Rosanna Cassar.

Stmata £383.00,0

(Dan l-ammont jinkludi l-valur tal-bir bil-ħsara u kamra mingħajr saqaf li ġie stmat £15 u £40, rispettivamnet.

…omissis…

Il-biċċiet art hawn fuq deskritti jidhru fuq pjanta mmarkata L.D 159/74/A.

Ft. O. Caruana Montaldo
Arkitett u Inġinier Ċivili
fid-Dipartiment tal-Art

ESTRATT TAL-ORIĠINAL

Avukat tar-Repubblika Anzjan

Is-16 ta' Jannar, 1975

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

14th January, 2022

This site plan is being published on page 925.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

As instructed by the Acting Commissioner of Land, I am assessing, according to the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) the freehold and unencumbered value of the land described hereunder at Ħal Luqa, required by the Government for a public purpose

After having inspected te site and after considering the locality as well as other matters which may effect the value of the under mentioned property I am assessing the freehold and unencumbered value, as shown hereunder.

The following land at Ħal Luqa

1. A plot of land measuring 2 Tumoli, 3 Siegħan, 1.3 Kejliet (2832.8 square metres), including including half of part of a passage, a damaged well, a room without a roof and a damaged rural room, bounded on the North by a rural alley Ta' Danjeli, on the West partly by property of the heirs of the deceased Col. S.J. Borg and partly by property of Mrs Rosanna Cassar and on the South by property of Mrs Rosanna Cassar.

Valued £383.00,0

(This amount includes the value of a damaged well and a room without a roof, valued for £15 and £40, respectively.

…omissis…

The above mentioned plots of land are shown on plan marked L.D 159/74/A.

Sd. O. Caruana Montaldo
Architect and Civil Engineer
at the Lands Department


EXTRACT OF THE ORIGINAL

Senior Advocate of the Republic

16th January, 1975

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **226380 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53587 y = 68480**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5268**	Data: *Date:* **18/08/2021**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* Perit Stefan Scotto Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 2,172 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213019

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 132

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta tas-16 ta' Awwissu, 1988, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Il-31 ta' Jannar, 2022

(File No. L332/88)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħad-Dingli:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 658 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' David Galea, mil-Lvant ma' proprjetà ta' John Galea u min-Nofsinhar ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta L.D. Nru. 172/88, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija a bażi ta' tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' tlieta u erbgħin elf, seba' mija u tmienja u tletin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€43,738.62), skont l-istima li saret mill-Perit Veronica Bonavia, A&CE, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 132

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Acting President of Malta of the 16th August, 1988, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase .

Today I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

31st January, 2022

Description of the Land

The following land at Ħad-Dingli:

A plot of land measuring about 658 square metres, bounded on the North by property of David Galea, on the East by property of John Galea and on the South by a public road or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown delineated with the colour blue on plan L.D. No. 172/88, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned land in virtue of Article 44 and 64 of Chapter 573 is forty three thousand, seven hundred and thirty eight Euros and sixty two cents (€43,738.62), according to the valuation made by ArchitectVeronica Bonavia, A&CE, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-25 ta' Jannar, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 928.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon art, f'Tal-Baslija, Ħad-Dingli, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 1988, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-proprjetà hawn taħt deskritta f'Tal-Baslija, f'Ħad-Dingli, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 658 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' David Galea, mil-Lvant ma' proprjetà ta' John Galea u min-Nofsinhar ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur ikħal fuq pjanta L.D. Nru. 172/88, u stmata għall-valur tlieta u erbgħin elf, seba' mija u tmienja u tletin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€43,738.62)).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-2 ta' Settembru, 2021. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Veronica Bonavia

Is-6 ta' Diċembru, 2021

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

25th January, 2022

This site plan is being published on page 928.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land, at Tal-Baslija, Ħad-Dingli, required for expropriation purposes for public purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1988, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the properties described hereunder at Tal-Baslija, at Ħad-Dingli, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 658 square metres, bounded on the North by property of David Galea, on the East by property of John Galea and on the South by a public road or more precise boundaries, is shown delineated with the colour blue aon plan L.D. Nru. 172/88, and is valued for forty three thousand, seven hundred and thirty eight Euros and sixty two cents (€43,738.62).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 2nd September, 2021. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Veronica Bonavia

6th December, 2021

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **231236 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 43677** **y = 69059**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4269**	Data: *Date:* **28/09/2021**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* **Perit Stefan Scotto**

Perit Stefan Scotto

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 658 m² circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 133

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET
